**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 497/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Patrick Gatt**

Illum, 29 ta' Jannar 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Patrick Gatt, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 212274(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer, bejn Jannar tas-sena 2010 u Jannar 2020, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi jew dispożizzjoni relatati tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Għamel atti ta' *money laundering* billi:-

i) Ikkonverta jew ittrasferixxa propjetà meta kien jaf jew jissuspetta li dik il-propjetà` kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta' attività kriminali jew minn att ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra ta' l-oriġini tal-propjetà' jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attività kriminali;

ii) Ħeba jew wera ħaġa b'oħra tal-vera xorta, provenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq propjetà`, meta kien jaf jew jissuspetta li dik il-propjetà kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attività` kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

iii) Akkwista, ippussesa jew uża propjetà' meta kien jaf jew jissuspetta li l-istess propjetà' kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

iv) Bir-ritensjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' propjetà' meta kien jaf u/jew jissuspetta li l-istess propjetà' kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f' attività kriminali;

v) Ittenta jagħmel l-ħwejjeġ jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;

vi) Aġixxa bħala kompliċi fit-tifsir ta' l-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq;

ai termini talArtikolu 3 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kap. 373, u l-Artikolu 18 tal-Kap.9, tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Irrenda ruħu reċediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ġie misjub ħati b'sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-14 ta' Diċembru 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 3 tal-Att Kontra *Money Laundering*, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, u kkundanatu għal sentejn (2) priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ġew sospiżi għall-erba' (4) snin mid-data tas-sentenza u multa ta' tmienja w tletin elf (€38,000) ewro. *Inoltre* ai termini tal-Artikolu 28G(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, poġġiet lill-ħati taħt Ordni ta' Superviżjoni għal tlett (3) snin. *Inoltre*` ai termini

tal-Artikolu 3(5)(a) tal-Att Kontra Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat li l-ammont ta' erba' mija, wieħed u disgħin elf u disgħin ewro (€491,090) rappreżentanti r-rikavat, jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta. Bl-applikazzjoni tal-artikolu 3(5)(b) tal-Att Kontra Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, f'każ li r-rikavat li jkun ġej mir-reat ikun ġie mberbaq, jew għal xi raġuni oħra li tkun ma jkunx possibbli li jiġi identifikat u konfiskat kull tali rikavat, jew li tiġi ordnata l-konfiska ta' dik il-proprjetà li jkollha l-valur tagħha jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, l-imputat għandu jħallas multa ta' erba' mija, wieħed u disgħin elf u disgħin ewro (€491,090) li tekwivali għall-ammont tar-rikavat mir-reat. L-ammont li ġie kkunsidrat bħala r-rikavat ma jinkludix il-flejjes li l-imputat irċieva mingħand id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, ġaladarba ma ġiex determinat sal-grad rikjest jekk l-imputat kienx intitolat għall-xi benefiċċji w l-ammont rispettiv ġaladarba u minkejja li kien *gainfully employed*. L-ammont li l-Qorti qieset hu rikavat hu dak indikat mill-Ispettur Keith Vella fejn l-ammont ġie komputat wara li minn ammonti ferm akbar li ġew milgħuba ġew mnaqqsa ir-rebħ ta' flejjes li sar mill-varji Casinos. L-imputat naqas milli jagħti spjegazzjoni li għandha mis-sewwa għall-provvenjenza tal-istess flejjes kif minnu mistenni w għaldaqstant, raġonevolment u legalment, l-ammont ta' erba' mija, wieħed u disgħin elf u disgħin ewro (€491,090) ġew ikkunsidrati bħala *unexplained wealth* u ċioe ta' provvenjenza illeġittima. Dik il-multa tkun tista' tiġi rkuprata bħala dejn ċivili w din is-sentenza tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-propjetà` mobbli w immobbli kollha ta' l-imputat, kif stipulat fl-Artikolu 22(3A)(b)(d)(7) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta kif reż applikabbli bl-Artikolu 3(7) tal- tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat lill-ħati jħallas l-ammont ta' €324.26c rappreżentanti spejjez peritali.

Rat ir-rikors tal-appellant Patrick Gatt, ippreżentat fl-14 ta' Diċembru 2022, fejn talab lil din l-Qorti sabiex:

1. Tannulla s-sentenza appellata; jew

2. Tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull ħtija;
3. Jew fin-nuqqas, tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fl-intier tagħha barra il-parti fejn il-Qorti erogat il-piena u minflok tagħti piena aktar ekwa u ġusta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat id-digriet ta' dina l-Qorti datat 12 ta' Lulju 2024, fejn it-talba tal-appellant sabiex dina l-Qorti tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga ġiet miċħuda u ġie ordnat il-prosegwiment tas-smigħ tal-appell fuq l-aggravji rimanenti.

Rat li nhar it-30 t'Ottubru 2024, Dr Jason Grima għall-appellant, irtira it-tieni aggravju dwar in-nullita tas-sentenza appellata.

Semgħet trattazzjoni fuq l-aggravji rimanenti.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-aggravji bin-numri tlieta, erbgħa u ħamsa kontenuti fir-rikors ta'l-appell jitrattaw l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija għall-ewwel imputazzjoni  u għalhekk ser jiġu kkunsidrati flimkien. B'mod ewlieni l-appellant jilmenta mill-fatt li matul il-proċeduri l-Qorti ma inkarigat ebda espert komputista sabiex janalizża liema ammont ta' flus li allegatament kien fil-pussess tal-appellant kien provenjenti minn attivita' illeċita'. In segwitu jilmenta li l-Ewwel Qorti ma setgħetx legalment u raġonevolment tasal għas-sejbien ta' ħtija u dana għaliex ma għamlet l-ebda ness bejn l-flejjes allegatment illeċiti u xi reat sottostanti li l-appellant seta' ikkommetta u li allura dawn kienu rikavat derivanti minn xi reat, kif ukoll lanqas ma ġiet ppruvata l-intenzjoni tiegħu li jikkommetti l-ħasil ta' dawn il-flejjes.

Illi, il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tinsab

f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]

Illi, fl-14 ta' Marzu 2019, l-Pulizija kienet infurmata b'mod kunfidenzjali illi bejn is-sena 2010 u 2019 l-appellant lagħab 'il fuq minn tlett mitt elf Ewro ġewwa diversi *casinos* f'Malta, u dan meta l-appellant kien diżokkupat, kellu kont bankarju wieħed u bejn is-snin 2015 u 2017 ma kien iddikjara ebda dħul mal-Kummissarju tat-Taxxi. Abbażi ta' din l-informazzjoni, il-Pulizija bdiet l-investigazzjoni tagħha minn fejn emerġa, u dan skont it-testimonjanza ta'l-iSpettur Keith Vella, illi kien minnu li l-appellant kien ilu dizokkupat mill-15 ta' Settembru 2009 u li l-aħħar xogħol li kellu kien dak ta' *taxi driver* fil-perijodu bejn il-15 ta' Mejju 2008 u l-14 ta' Settembru 2009. Illi minn din l-investigazzjoni rriżulta wkoll illi mis-sena ta' stima 2008, l-appellant ma kien iddikjara ebda dħul mall-Kummissarju tat-Taxxi, kif ukoll kellu zewġ kontijiet bankarji, wieħed miżmum mill-bank HSBC li kien fih transazzjonijiet minimi u ieħor mizmum mill-bank BOV li kien kont attiv. Illi f'dan il-kont tal-aħħar, kumplessivament kien hemm depoziti flejjes li jlaħħqu l-ammont ta' €22,223 u *withdrawals* fl-ammont ta' €21,393. Irriżulta ukoll li l-appellant jirċievi l-benfiċċji soċjali mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali. *In oltre*, mill-informazzjoni mogħtija mill-*casinos* u *gaming parlours* lill-investigaturi emerġa illi l-appellant kien irreġistrat bħala *player* ġewwa l-*Portomaso Casino* minn nhar il-11 ta' Ġunju 2010 u minn dakinhar sal-5 ta' Jannar 2020, huwa lagħab l-ammont ta' €651,000. Lagħab ukoll €1800 ġewwa l-*Oracle Casino* bejn Settembru 2015 u Jannar 2020, is-somma ta' €466,425 fid-*Dragonara Casino* fi ftit xhur fis-sena 2014, u ammont minimu ukoll ġewwa l-istabbiliment *Bestplay.* Jikkonkludi hekk l-Ispettur Keith Vella fix-xiehda tiegħu:

> "**kumplessivament jekk jingħaddu l-ammonti mingħajr rebħ li l-imputat lagħab ġewwa Portomaso Casino, l-Oracle Casino u Dragonara Casino, l-**

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

**ammont ilaħħaq għal 491,090. Il-maġġoranza assoluta tal-logħob sar bejn is-sena 2014 u 2019 ... Dan l-ammont il-491,090 huwa l-ammont li aħna qed nikkwantifikaw li ġej minn source illeġittimu**".

Illi, fis-sentenza appellata hemm riassunt akkurat, minizzjuż u ddettaljat tal-provi kollha li nġiebu quddiem l-Ewwel Qorti u l-Qorti tagħmel referenza għal dan ir-riassunt a skans ta' repetizzjoni.

Issa, l-appellant primarjament jilmenta li ma kienx maħtur espert komputista mill-Ewwel Qorti sabiex jiddikjara liema ammont kien derivanti minn attivitajiet illeċiti, u allura għal liema ammont ma kienx hemm spjegazzjoni mill-appellant dwar is-sors leġittimu tagħhom. Illi għalkemm l-appellant iqis dan il-fatt bħala nuqqas mill-Ewwel Qorti, madanakollu fl-ebda waqt matul il-proċeduri, għalkemm kien hemm l-inverżjoni tal-provi fuqu sabiex jipprova is-sors leġitimmu tal-fondi li l-Prosekuzzjoni kienet qed tindika li kienu flus maħsula, ma talab sabiex jkun appuntat espert komputista biex jistabbilixxi is-sors leġittimu tal-flejjes indikati mill-Prosekuzzjoni bħala maħsula. Illi l-Prosekuzzjoni ressqet provi li ndikaw li mis-sena 2010 l-appellant ma kellux introjtu dikjarat, ħlief għal dawk l-ammonti li kien jirċievi mid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali. Ressqet provi ukoll illi *ċiononostante* u, għalkemm l-appellant kien iddikjara mal-Kummissarju tat-Taxxi illi ma kellu ebda introjtu, irnexxielu jonfoq fil-logħob tal-ażżard qrib nofs miljun ewro. Illi l-Ewwel Qorti, minn din l-evidenza setgħet, tasal sabiex tistabbilixxi l-ammont ta' flus b'sors illeġittimu meta ma tatx affidament lil dak mistqarr fix-xiehda tal-appellant illi dawn il-flejjes kellhom sors leġittimu.

Illi iċ-ċifri ndikati mill-Prosekuzjoni, fuq kollox, kienu ikkorroborati bix-xhieda tad-diversi banek, awtoritajiet u dipartimenti governattivi u *casinos* fost l-oħrajn. Illi, mill-provi prodotti, senjatament mix-xhieda ta' Neville Aquilina, *Chief risk and compliance Officer* mal-*Pinnacle Group Malta* li jopera d-*Dragonara Casino* u Abigail Fenech, rapprezentant ta' *Portomaso Casino* u *Oracle Casino*, jirriżulta li bejn is-snin 2010 u 2017, l-appellant lagħab l-ammont ta' €510,980 fid-*Dragonara Casino* u spiċċa b'telf fl-ammont ta' €8,460. Irriżulta ukoll li bejn is-snin 2010 u 2020, l-appellant lagħab l-ammont ta' €651,755 fil-*Portomaso Casino* fejn rebaħ biss l-ammont ta' €15,250. Fl-

aħħarnett, irriżulta ukoll li bejn is-snin 2012 u 2020, fl-*Oracle Casino*, l-appellant lagħab is-somma ta' €1,800 u tilef dak l-istess ammont. Dan apparti logħob tal-lottu fl-ammont ta' bejn wieħed u ieħor €40/€50 fil-ġimgħa kif xehed ir-riċevitur tal-lottu Victor Cassar. Ma hemmx prova fl-atti, imbagħad, illi dan l-ammont sostanzjali ta' flus fis-snin bejn l-2010 u l-2020 kienu derivanti minn xi impjieg li kellu l-appellant jew minn xi sors leġittimu ieħor, tant illi mal-Kummissarju tat-Taxxi l-appellant iddikjara li ma kellu ebda qliegħ u kien jirċevi l-assistenza soċjali.

L-ewwelnett, hekk kif xehed Joseph Saliba, in rapprezentanza tal-*Jobsplus*, jirriżulta li fil-parametri temporali taċ-ċitazzjoni *de quo*, l-appellant ma kienx impjegat. Jirriżulta ukoll li huwa kien impjegat bħala *taxi driver* bejn it-8 u l-31 ta' Jannar 1996 u mbagħad mill-15 ta' Mejju 2008 sal-14 ta' Settembru 2009, kif ukoll bħala *truck driver* sal-aħħar ta' Awwissu 1995 u *part-time* bħala *driver* bejn Awwissu u Diċembru 2000. Apparti minn hekk, mill-prova tal-ħinijiet li tressqu li fihom l-appellant kien qed ikun jilgħab ġewwa diversi *casinos*, liema ħinijiet kienu frekwenti u kienu jibdew mas-sebħ sa tard bil-lejl, jirriżulta li l-istess appellant kien iqatta' ferm aktar ħin jilgħab il-flus milli jaħdem, u dan għal kuntrarju ta' dak li jgħidu l-appellant stess kif ukoll diversi xhieda bħal Charles Aquilina, Karmenu Sammut, Keith Micallef, Mario Mifsud u John Mary Cachia. Ċertament li dan kollu jindika li s-sors tal-flejjes kbar li kellu l-appellant ma kenux derivanti mill-impjieg tiegħu.

Illi, irriżulta ukoll mit-testimonjanza ta' Saviour Theuma, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, li bejn is-snin 2010 u 2020, l-appellant irċieva benefiċċji soċjali fl-ammont ta' €59,791.95. In oltre, l-appellant għamel zmien twil jiddikjara li huwa bla impjieg kif jixhdu r-rapprezentanti tal-VAT u tat-Taxxa kif ukoll hekk kif jirrizulta mid-dikjarazzjonijiet *causa mortis* ppreżentati in atti. Għalhekk din l-Qorti, bħal l-Ewwel Qorti qabilha tinsab moralment konvinta dwar l-ammont ta' €491,090 bhala l-ammont ta' *unjustified wealth* u għalhekk ma kien hemm l-ebda ħtieġa li jitqabbad espert komputista sabiex jasal jistabbilixxi liema kien l-ammont ta' flus drivanti minn attivitajiet illeċiti.

Illi, minn din l-evidenza allura, huwa evidenti li s-sors tal-flejjes tal-appellant ma kienx l-impjieg tiegħu jew inkella xi flejjes li huwa irċieva bħala rigal minn għand xi familjari u ħbieb. Illi l-Artikolu 3(3) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula li:

> "**Fi proċeduri dwar reat ta' money laundering taħt dan l-Atti d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22(1Ċ)(b) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, għandhom ikunu mutatis mutandis japplikaw**".

Imbagħad l-Artikolu 22(1Ċ)(b) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jgħid li –

> **Fi proċedimenti għal reat taħt il-paragrafu (a), meta l-prosekuzzjoni ġġib prova li l-imputat jew akkużat ma jkun ta ebda spjegazzjoni raġonevoli li turi li dawk il-flus, proprjetà jew rikavat ma kenux flus, proprjetà jew rikavat kif deskritti fl-imsemmi paragrafu, <u>l-oneru li jipprova l-provenjenza leċita ta' dawk il-flus, proprjetà jew rikavat tkun tinkombi fuq il-persuna imputata jew akkużata</u>. <u>(enfazi tal-Qorti)</u>**

Illi, għalhekk f'dan il-kaz, l-oneru tal-prova kien jinkombi fuq l-appellant sabiex jipprova l-provenjenza leċita ta' dawk il-flejjes. Mill-provi prodotti pero', din l-Qorti hi tal-fehma li dan ma sarx u dan sal-grad mistenni minnu. Mix-xhieda ta' Carmelo Gambin, in rapprezentanza ta' *Portomaso Casino*, saħansitra rriżulta li l-appellant, meta kien ingħata l-formola tal-"*enhanced due diligence*" sabiex jimliha, huwa kien "**qalli le mhux nimliha u għaffiġha**". *In oltre*, fix-xhieda minnu mogħtija, l-appellant xejn ma kien konsistenti u kredibbli u filfatt jikkonferma li huwa kellu kemm il-vizzju tal-logħob kif ukoll il-vizzju tad-droga. *In oltre* ma rnexxielu jressaq l-ebda prova konkreta dwar il-provenjenza tal-flejjes tiegħu. Huwa minnu li jgħid li kien ingħata l-ammont ta' €125,000 mingħand ommu meta dina rebħet il-lotterija, fatt ikkonfermat minnha ukoll, pero' din l-Qorti tinnota li dan kien bejn is-snin 2000 u 2005 u għalhekk din it-testimonjanza taqa' 'l barra mill-parametri temporali taċ-ċitazzjoni odjerna. Dan magħdud mal-fatt li oħt l-appellant stess, Sonia Gatt, stqarret li dak li tat ommha lil ħuha, huwa kien berbaqhom kollha fil-vizzju tal-logħob tal-ażżard. Għalhekk dina l-Qorti hija tal-fehma li din s-somma li tat Carmen Gatt lil binha ma kienux parti mill-flejjes inklużi f'dan il-kaz. Apparti l-fatt illi mill-evidenza kkumpilati jirriżulta illi l-

appellant kien berbaq fil-logħob tal-ażżard ammont ferm iktar konsiderevoli mill-€125,000 li ssemmi ommu.

Illi, ukoll xehed Albert Grima li stqarr li huwa, flimkien ma ċertu Salvu, kienu jgħaddu flushom lill-appellant sabiex jilgħabhom f'isimhom, mbagħad kienu jaqsmu kwalunkwe qliegħ li jsir. Pero' xehed ukoll li għalkemm fil-bidu kienu jirbħu, fil-maġġior parti kienu jsofru telf. Dan kollu jwassal lil din l-Qorti għall-istess konkluzjoni li waslet l-Ewwel Qorti qabilha u ċioe' li l-appellant ma rnexxielux jagħti spjegazzjoni plawzibbli dwar il-provenjenza tal-flejjes in kwistjoni. Dan ifisser ukoll li huwa ma rnexxilux għalhekk jipprova li dawn il-flejjes kellhom fil-fatt provenjenza leċita.Illi anke jekk *gratia argomenti* l-Qorti kellha temmnu meta igħid li dawn il-flejjes f'ammonti konsiderevoli kienu provenjenti mix-xogħol li kien jagħmel fejn jikkontendi li kien jaħdem assidwament, madanakollu mhux biss ma kienx jiddikjara il-qligħ tiegħu mal-awtoritajiet konċernati, u allura kien jevadi t-taxxa regolarment, iżda ukoll kien jiddikjara li ma kellux impjieg u saħansitra kien jirċevi il-benefiċċji soċjali b'mod frawdolenti.

Illi, dan qed jingħad għaliex, għalkemm l-appellant jilmenta ukoll mill-fatt li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova n-ness bejn il-flejjes allegatament illeċiti u xi reat sottostanti, l-provi juru xort'oħra. Illi, ġie ppruvat ampjament li l-appellant kien qed jiffroda lill-Erarju Pubbliku u dana meta ma kienx qed jiddikjara t-taxxa u l-VAT fuq l-introjtu tiegħu, iżda saħansitra kien qed jieħu l-benefiċċji soċjali, kif ingħad. Infatti Saviour Theuma, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, xehed li l-appellant bejn is-snin 2010 u 2020 kien rċieva l-ammont ta' €59,791.95 f'benefiċċji soċjali. *In oltre*, Dr Vincienne Vella, in rapprezentanza tal-VAT Department xehdet ukoll li minkejja li l-appellant kellu xogħol ta' *taxi driver*, huwa qatt ma kien irreġistrat mad-Dipartiment. Imbagħad, Joseph Debono, in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi ukoll xehed li l-appellant kien "*non-filer*" u li dan seħħ peress li l-istess appellant kien rreġistrat bħala persuna li jirċievi assistenza soċjali minħabba l-fatt li ma kellu l-ebda introjtu finanzjarju. Ukoll f'dikjarazzjoni *causa mortis* li saret fis-sena 2012, l-appellant huwa imnizzel bħala "**mingħajr xogħol**" filwaqt li fis-sena 2019, fid-dikjarazzjoni *causa mortis* addizzjonali u f'kuntratt tal-bejgħ, huwa reġa' mnizzel bħala

"**mingħajr impjieg**". Mill-provi prodotti għalhekk jirrizulta li, *on paper*, l-appellant ma kienx jaħdem pero' skond dak li xehed hu stess, kif ukoll dak li xehdu bosta nies oħra, l-appellant kien bniedem ħabrieki ħafna u tant kien jaħdem li kien ukoll ġieli jorqod fit-*taxi* tiegħu. Għalhekk din l-Qorti hija moralment konvinta li l-appellant kellu introjtu mix-xogħol tiegħu bħala *taxi driver* li hu ma kienx jiddikjara mal-erarju pubbliku, u *di piu'* kien jirreġistra u jirċievi l-assistenza soċjali minħabba li ddikjara li kien diżokkupat. Ikkonferma ukoll li kien baqa' jaħdem mill-2003 sal-2018. Dan kollu jwassal lil dina l-Qorti sabiex taqbel pjenament ma' dak konkluż mill-Ewwel Qorti qabilha u ċioe' li: –

> **13. Kemm il-darba dawk il-flus ġejjin minn impjieg mhux dikjarat u b'hekk minn sors illeġittimu li suppost ġew dikjarati mal-awtoritajiet iżda baqgħu ma ġewx dikjarati (placement), iddaħħlu fis-sistema finanzjarja tal-casino (layering), fejn ġew ġenerati w minnhom anke kien hemm rebħ (integration) immaterjalizza r-riċiklaġġ.**

Illi, ukoll l-appellant jilmenta mill-fatt li l-Ewwel Qorti ħadet ukoll in konsiderazzjoni sentenzi mogħtija mill-qrati fil-konfront tiegħu li jirrigwardaw iż-żminijiet indikati fiċ-ċitazzjoni odjerna, fl-liema sentenzi huwa kien ġie ddikjarat ħati ta' traffikar ta' droga u użura. Illi jibda biex jingħad illi l-Ewwel Qorti rabtet il-*predicate offence* mar-reat tal-frodi u mhux mat-traffikar tad-droga jew l-użura. Madanakollu, huwa pależi li ġialadarba ġie ppruvat li fiż-żmien meta l-appellant kellu dawn il-flejjes fil-pussess tiegħu, huwa kien involut ukoll fit-traffikar ta' droga u l-użura, allura jikkonsegwi li parti mill-flejjes li kellu fil-pussess tiegħu setgħu ukoll kienu provenjenti minn dawn ir-reati.

Illi, għalhekk, din l-Qorti hija tal-fehma li, abbażi tal-provi prodotti quddiemha, l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għas-sejbien ta' ħtija fil-konfront tal-appellant, kif filfatt għamlet, u tqis illi l-apprezzament dettaljat u minnizjus li għamlet l-Ewwel Qorti tal-provi, fid-dawl tal-dottrina u ġurisprudenza fil-materja tar-reat tal-ħasil tal-flus, huwa ineċċeppibbli . Għaldaqstant l-aggravji tal-appellant fir-rigward l-apprezzament tal-provi qed jiġu miċħuda.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-*gravam* rimanenti sottopost għall-ġudizzju ta' din l-Qorti jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu, liema piena l-appellant jikkontendi li hija waħda ħarxa.

Illi ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm -il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[2] .

Illi, l-appellant jibda' billi jisħaq li l-Ewwel Qorti ma setgħatx tikkonfiska favur il-Gvern is-somma ta' €491,090 bħala rikavat ġej mir-reat fit-termini tal-Artikolu 3(5)(a) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana stante li ma kien hemm l-ebda talba għal tali konfiska fiċ-ċitazzjoni. Jisħaq ukoll li l-Ewwel Qorti, għar-raġuni appena premessa, ma setgħet lanqas tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(5)(b) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi, dan l-artikolu jistipula li –

**(a) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali l-qorti għandha, b'żieda ma' kull piena li għaliha tista' tiġi kkundannata persuna misjuba ħatja ta' reat ta' money laundering taħt dan l-Att u b'żieda ma' kull piena li korp magħqud jista' jeħel taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4), tordna t-teħid favur il-Gvern tar-rikavat jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat sew jekk dak ir-rikavat ikun ġie riċevut mill-persuna misjuba ħatja jew mill-korp magħqud imsemmi fl-imsemmi subartikolu (4) u kull proprjetà li tappartjeni lil, jew li tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' xi persuna misjuba ħatja kif imsemmi qabel jew ta' korp magħqud kif imsemmi f'dan is-subartikolu għandha, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, titqies li tkun inkisbet mir-reat ta' money laundering u tkun suġġetta għal konfiska jew teħid mill-qorti wkoll jekk fil-każ ta'proprjetà immobbli dik il-proprjetà tkun, minn żmien meta l-ħati jkun**

[2] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

**ġie akkużat, għaddiet f'idejn terzi, kif ukoll jekk ir-rikavat ta' proprjetà, kemm mobbli kemm immobbli, ikunu jinsabu f'xi post barra minn Malta. (enfazi tal-Qorti)**

**(b) Meta r-rikavat li jkun ġej mir-reat ikun tberbaq jew għal xi raġuni oħra li tkun dak ir-rikavat ma jkunx jista' jiġi identifikat u konfiskat jew tiġi ordnata l-konfiska ta' proprjetà bħal dik li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, il-qorti għandha twaħħal lill-persuna li tinsab ħatja jew lill-korp magħqud, jew lill-persuna li tinsab ħatja u lill-korp magħqud solidalment, skont il-każ, biex tħallas multa li tkun ekwivalenti għall-ammont tar-rikavat lijkun ġej mir-reat. Dik il-multa tkun tista' tinġabar bħala dejn ċivili u għal dan l-għan is-sentenza tal-qorti għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet ul-effetti tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

Illi, minn qari ta' dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi huwa evidenti illi l-konfiska tar-rikavat ġej mill-kriminalita' hija piena konsegwenzjali għal sejbien ta' ħtija u hija tassattiva fuq il-Qorti immaterjalment jekk tali konfiska hijiex mitluba mill-Prosekuzzjoni o meno. Għalhekk dwar dana l-punt, l-appellant m'għandux raġun. Illi, l-appellant jilmenta ukoll li l-multa ta' €38,000 mposta fuqu, kif ukoll il-ħlas ta' kwazi nofs miljun Ewro bħala dak li kien stabbilit li jikkostitwixxi rikavat ġej mir-reat, kienu ħorox izzejjed u li hu m'għandux dawn il-flejjes u li għalhekk l-istess multa xorta waħda li ser ikollha tiġi kkonvertita fi priġunerija. Illi, l-piena inflitta fuq l-appellant kienet waħda fil-parametri prospettati mill-liġi kif ukoll tirrispekja l-fatti speċi gravi tal-każ odjern. Mhux biss, iżda l-Ewwel Qorti ikkundannat lill-appellant għal piena alternativa għal dik tal-inkarċerazzjoni u kwindi ma jistax lanqas jingħad li din kienet waħda ħarxa iżżejjed. Illi, kif ingħad, il-konfiska ta' kważi nofs miljun ewro, u fin-nuqqas illi l-appellant għandu proprjeta' f'valur ekwivalenti, dan l-ammont għandha titqies bħala multa addizjonali, hija piena konsegwenzjali għal sejbien ta' ħtija, u kwindi dan l-ilment tiegħu huwa infondat.

Jingħad biss illi l-Artikolu 3(7)(b) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, qabel l-emendi ppromulgati bl-Att VI tal-2024, kien jipprovdi għall-konfiska favur il-Gvern ta' Malta **tal-flus kollha** jew proprjetà mobbli oħra, u **tal-proprjetà immobbli kollha** tal-persuna hekk misjuba ħatja anki jekk il-proprjetà immobbli tkun, minn meta l-ħati kien akkużat, għaddiet f'idejn terzi, u anki jekk dawn il-flejjes, proprjetà mobbli jew proprjetà immobbli jinsabu fi kwalunkwe post barra minn Malta. Il-Qorti ma kellhiex diskrezzjoni fl-applikazzjoni ta' din il-miżura punittiva flimkien mal-piena inflitta fuq sejbien ta' ħtija għall-akkuża ta' ħasil ta' flus u għalhekk l-Ewwel Qorti, fis-sentenza tagħha kienet korretta meta applikat id-dispożizzjonijiet tal-artikolu tal-liġi hawn fuq imsemmi billi hekk kienet tiddisponi l-liġi viġenti dakinhar li ġiet prolatata s-sentenza. Madankollu, wara li ngħatat is-sentenza mill-Ewwel Qorti, l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi ġiet emendata permezz tal-Att VI tal-2024, fejn fid-dispożizzjonijiet tranżitorji tiegħu l-leġiżlatur rabat lill-Qrati bil-mod li ġej fir-rigward tal-kawżi pendenti quddiemha fid-data tad-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjoni l-ġdida tal-liġi, fejn l-artikolu 32 tal-Att jipprovdi li:

> **(1) Ħlief kif provdut xort'oħra f'dan l-artikolu, id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 17A u 17B tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, tal-artikoli 3, 4 u 5 tal-Att kontra Money Laundering, tal-artikoli 18 u 19 tal-Att dwar il-Prevenzjoni ta' Abbuż fis-Swieq Finanzjarji, u tal-artikoli 35, 36 u 41 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, kif emendati bl-Att tal-2024 li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità għandhom japplikaw għal proċeduri ta' investigazzjoni u għal proċeduri kriminali li jinbdew wara d-dħul fis-seħħ tal-istess**
>
> **(2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli msemmija fis-subartikolu (1) kif kienu fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2024 li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità għandhom jibqgħu fis-seħħ u għandhom japplikaw wara d-dħul fis-seħħ tal-istess Att għal investigazzjonijiet u proċeduri kriminali li jkunu nbdew qabel id-dħul fis-seħħ tal-istess Att, ħlief kif provdut xort'oħra f'dan l-artikolu.**

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli msemmija fis-subartikolu (1) kif emendati bl-Att tal-2024 li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità għandhom japplikaw għal Ordnijiet ta' Sekwestru u Ordnijiet ta' Qbid u Ffriżar maħruġa għal investigazzjonijiet u proċeduri kriminali li jkunu nbdew qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta'dawk l-artikoli kif emendati bl-Att tal-2024 li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità iżda li jkunu għadhom pendenti fl-imsemmija data tad-dħul fis-seħħ, taħt dawn il-kondizzjonijiet:

(a) is-suspettat, l-imputat jew l-akkużat jagħmel talba b'rikors lill-Qorti Kriminali fil-każ ta' Ordni ta' Sekwestru jew lill-Qorti li quddiemha tkun qiegħda tinstema' l-kawża fil-każ ta'Ordni ta' Qbid u Ffriżar fejn jitlob illi l-ordni maħruġ fil-konfront tiegħu jiġi regolat bl-imsemmija artikoli kif emendati bl-istess Att minflok l-artikoli li kienu fis-seħħ qabel ma ġew hekk emendati;

(b) il-Qorti, wara li tkun semgħet lill-prosekuzzjoni u lil kull xhud li hi tqis li jkun jixraq li tisma', tqis illi għandha tilqa't-talba; u

(ċ) il-Qorti toħroġ digriet illi bih tirregola l-mod u l-perjodu ta' żmien speċifikat kif l-Ordni ta' Sekwestru jew l-Ordni ta' Qbid u Ffriżar għandhom jgħaddu biex ikunu regolatiskont l-artikoli msemmija fis-subartikolu (1) kif emendati bl-istess Att:

B'dan iżda illi, bla ħsara għall-ġeneralità ta' dan is-subartikolu, fil-każ ta' Ordni ta' Qbid u Ffriżar id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 36(4) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità kif emendat bl-Att tal-2024 li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità għandhom, minn dik id-data kif jista' jiġi stabbilit fl-istess digriet, jibdew japplikaw mutandis mutandis għall-Ordni ta' Qbid u Ffriżar b'mod iżda illi ż-żewġ (2) termini ta' disgħin (90) jum stipulati fl-artikolu 36(4)(b) ikunu jistgħu jiġu mġedda wkoll mill-Qorti fuq talba tal-prosekuzzjoni b'terminu ieħor sussegwenti ta' disgħin (90) jum jekk il-Qorti tkun sodisfatta illi dik l-estensjoni tkun ġustifikata.

(4) Meta l-liġi applikabbli għal Ordni ta' Sekwestru jew Ordni ta'Qbid u Ffriżar tiġi modifikata skont is-subartikolu (3), l-investigazzjoni jew il-

**proċeduri kriminali li dwarhom issir dik il-modifika għandhom, ħlief fil-każ ta' proċeduri kriminali mħollijin għas-sottomissjonijiet finali jew għas-sentenza, ikunu minn dak iż-żmien 'il quddiem regolati fl-intier tagħhom, inkluż iżda mhux limitatament għall-proċedura għall-konfiska ta' kwalunkwe rikavatmill-kriminalità, mid-dispożizzjonijiet tal-liġi kif emendati bl-Att tal-2024 li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità.**

**(5) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7 tal-Att kontra Money Laundering u tal-artikolu 38 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità kif emendati bl-Att tal-2024 li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità għandhom japplikaw għall-investigazzjonijiet u proċeduri kriminali kollha inklużi wkoll dawk li jkunu pendenti fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-istess Att ħlief għal proċeduri kriminali li fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-istess Att ikunu mħollija għas-sottomissjonijiet finali jew għas-sentenza u fil-każijiet tal-aħħar dawk il-proċeduri għandhom jibqgħu regolati mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmija artikoli kif kienu fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ tal-istessAtt u dawk id-dispożizzjonijiet għandhom, għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, jitqiesu li baqgħu fis-seħħ.**

**(6) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli l-oħra kollha tal-Att tal-2024 li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità li mhumhiex imsemmija fis-subartikolu (1) jew fis-subartikolu (5) għandhom japplikaw għall-proċeduri kollha, kemm dawk li jkunu pendenti fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-istess Att, u kemm dawk li jinbdew wara li jidħol fis-seħħ l-istess Att.**

Illi, *inter alia,* dawn id-dispożizzjonijiet tranżitorji jfissru, għalhekk, li bħala regola ġenerali, l-Artikolu 3 tal-Att dwar il-Ħasil tal-Flus, kif emendat, flimkien mal-artikoli l-oħra tal-liġi msemmija, japplikaw biss fir-rigward ta' proċeduri li nbdew wara d-dħul fis-seħħ tal-Att VI tal-2024. Fir-rigward ta' proċeduri li kienu diġà bdew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, għandu jiġi applikat ir-reġim legali preċedenti. Barra

minn hekk, skont is-subartikolu 5 tal-Artikolu 32, iċċitata iktar ′il fuq, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta′ Malta u tal-Artikolu 38 tal-Att dwar Rikavat mill-Kriminalità, kif emendat, għandhom japplikaw ukoll għall-proċeduri pendenti kollha, ħlief dawk li huma differiti għal sottomissjonijiet finali jew għas-sentenza.

Minn dan isegwi li dawk il-persuni akkużati bir-reat ta′ ħasil tal-flus li l-każ tagħhom jinsab fl-aħħar stadji tas-sottomissjonijiet jew li qed jistennew is-sentenza ma jistgħux jibbenefikaw mill-emendi li saru dwar il-miżuri punittivi konsegwenti għal sejbien ta′ ħtija. Dan japplika għall-kawża preżenti peress li fid-9 ta′ Frar 2024, meta daħal fis-seħħ l-Att VI tal-2024, il-kawża kienet diġà fi stadju ta′ appell, tistenna s-sottomissjonijiet finali mill-partijiet quddiem din il-Qorti.

Dan magħdud, madanakollu hija l-opinjoni ta′ din il-Qorti li l-applikazzjoni ta′ miżuri punittivi mal-għoti tas-sentenza li huma aktar ħorox f′dawk il-kawżi li għalkemm għadhom pendenti quddiem il-Qrati, madankollu waslu fl-istadju finali tagħhom, hija diskriminatorja u bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, u li allura jitbiegħdu mill-iskop li warajh saru l-emendi fil-liġi u ċioe′ li jintlaħaq dak il-bilanċ u proporzjonalita′ bejn is-salvagwardji tal-Istat li tara li jkun hemm il-konfiska tar-rikavat ġej mill-kriminalita′ u d-dritt tal-persuna ikkundannata għat-tgawdija tal-proprjeta′ tagħha, bl-imsemmi qligħ biss, jew valur ekwivalenti tiegħu, ikun suġġett għal konfiska meta tinstab il-ħtija. Fil-fatt, l-Artikolu 3(7)(b) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta′ Malta jipprovdi illi:

> **Il-Qorti għandha tordna l-konfiska favur il-Gvern ta′ dawk il-flejjes jew proprjetà mobbli oħra u ta′ dik il-proprjetà immobbli tal-persuna misjuba ħatja tar-reat ta′ money laundering li jkunu jikkostitwixxu r-rikavat minn dak ir-reat ukoll jekk il-proprjetà mobbli jew immobbli minn meta l-ħati jkun ġie imputat tkun għaddiet għand terzi persuni u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjetà mobbli jew proprjetà immobbli jkunu qegħdin f′xi post barra minn Malta.**

Għalhekk, huwa evidenti għal din il-Qorti, li l-liġi, kif emendata, hija aktar favorevoli għall-akkużat u dan għaliex, fil-każ ta' kundanna, il-qorti ma tordnax il-konfiska favur l-Istat ta' l-assi b'mod indiskriminat, bil-persuna misjuba ħatja jkollha tibda proċeduri quddiem il-qrati ċivili sabiex tirkupra dawk l-assi li għandhom sors leġittimu, iżda tipproċedi biex tikkonfiska dawk l-assi biss li, mill-atti, ġew determinati li jikkostitwixxu r-rikavat tar-reat li bih l-akkużat jinstab ħati.

Illi l-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza Ocolan vs Turkey" deċiża fit-18 ta' Marzu 2014 ingħad:

> **"The court notes that the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law, considered by the court in Scoppola (no. 2), as guaranteed by Article 7, is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant."**[3]

Dan huwa in linja ma' dak li jipprovdi l-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali:

> **Jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunux xortawaħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi.**

Fil-fatt, l-esklużjoni mil-leġiżlatur permezz tad-dispożizzjonijiet tranżitorji tal-Att VI tal-2024 dwar l-applikazzjoni tal-emendi il-ġodda għal dawk il-kawżi li jinsabu pendenti għas-sentenza jew għas-sottomissjonijiet finali qiegħed isarraf f'ċaħda mid-dritt ta' kull persuna li tressaq talba għal reviżjoni quddiem din il-Qorti mill-applikabbilita' tal-liġi l-ġdida u allura għal dik il-liġi l-iktar favorevoli għalih. Dan għaliex l-kawżi kollha pendenti quddiem din il-Qorti bħala Qorti tal-Appell, għalkemm għadhom mhumiex *res judicata*, ġeneralment jinvolvu biss smigħ ta' sottomissjonijiet fir-rigward tal-ilmenti mressqa mis-sentenza appellata. Dan huwa aktar evidenti mill-kliem adoperat fl-artikolu 38(5) tal-Kapitolu 621, kif introdott bl-

[3] Reference is made **Ruban vs Ukraine** – 12/07/2016 and to **Koprivnikar vs Slovenia**.

Att VI tal-2024, li jagħti dritt ta' appell minn Ordni ta' Konfiska maħruġa mill-qorti wara li tinstab ħtija, u b'hekk jimplika li tali proċedura ppromulgata bir-reġim legali l-ġdid mhijiex applikabbli fl-istadju tal-appell. Illi emenda fil-liġi f'dan ir-rigward hija meħtieġa, iktar u iktar peress li l-liġi hija diskriminatorja fir-rigward ta' dawk il-każijiet li, għalkemm għadhom mhumiex ikkunsidrati *res judicata*, jipprekludu lill-akkużat milli jibbenefika mill-piena aktar klementi minkejja li dan jista' isarraf f' vjolazzjoni tal-jeddijiet fondamentali tiegħu, kif ingħad.

Illi sabiex ma jkunx hemm il-periklu li l-appellant isofri minn tali vjolazzjoni l-Qorti hija tal-fehma illi favur tiegħu għandha tapplika dik il-liġi l-iktar favorevoli sabiex b'hekk ma għandux ikun hemm il-konfiska ukoll tat-totalita' tal-assi tiegħu meta d-disposizzjoni tal-liġi li kienet twassal għal dan ir-rimedju drakonjan illum tneħħa mil-liġi f'dawk il-kawżi li jitrattaw ir-reat tal-ħasil tal-flus. Dan ukoll fl-aħjar interess tal-ġustizzja. Issa għalkemm ir-reġim legali l-ġdid jistabbilixxi proċedura fejn il-qorti, wara dikjarazzjoni ta' ħtija, għandha twettaq evalwazzjoni bil-ħsieb li jkun stabbilit il-*quantum* tar-rikavat ġej mir-reat, il-Qorti tqis li tali eżerċizzju diġa' sar mill-Ewwel Qorti u ser ikun ikkonfermat minnha, kif ingħad iktar kmieni f'din is-sentenza.

**Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell parzjalment, u filwaqt li tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-propjetà` mobbli w immobbli kollha ta' l-appellant Patrick Gatt, kif stipulat fl-Artikolu 22(3A)(b)(d)(7) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif reż applikabbli bl-Artikolu 3(7) tal- tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**